MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2669/2002

***L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

***vs***

***Felix Grech***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm141.86) rappresentanti spejjez inkorsi mill-awtorita' attrici u dana kif jidher mill-invoice anness ma' l-avviz li huwa mmarkat bhala Dokument IJS2 u dana wara illi fit-22 ta' Novembru 1996, l-awtorita' attrici harrget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/1542/96/ENMU/NENF, kopja tieghu huwa anness ma' l-avviz u mmarkata bhala Dokument IJS1. Illi l-awtorita', in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta' l-Att numru 1 ta' l-1992, kif sussegwentement emendat, permezz ta' l-Att numru XXI ta' l-2001 hadet dwak il-passi

kollha necessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq, jitwettqu, stante illi l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma’ dak li intalab minnu fl-istess Avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar 2002 u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Joseph Agius, ghan-nom tal-Awtorita’ attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm141.86), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------